Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 12/2012

**Bonnici Brothers Limited (C3095), Zrar Limited (C6245), C&F Building Contractors Limited (C15308) u Schembri Infrastractures Limited (C17388) proprio u bhala membri tal-ACJV Consortium**

**vs**

**Direttur tal-Kuntratti**

7 ta' Ottubru 2016

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Bonnici Brothers *et* tat-23 ta' Lulju, 2015 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li d-decizjoni kontenuta fl-ewwel kap tas-sentenza deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fid-29 t'April 2015 in kwantu gie milqugh l-ewwel aggravju tad-Direttur intimat tiddifetta stante li applikat il-ligi hazin ai termini tal-artikolu 811 (e) tal-Kap 12;
2. Tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement illi d-decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez, inkwantu tirrifletti d-decizjoni suddetta hija wkoll zbaljata stante li hija dipendenti fuq id-decizjoni dwar l-ewwel kap;
3. Tordna konswegwentement it-thassir tad-decizjoni impunjata, u dana limitatament ghall-ewwel kap taghha u kif ukoll ghall-kap tal-ispejjez dipendenti fuq l-ewwel kap, kif fuq spjegat;
4. Tordna li il-kawza tigi mismugha mill-gdid fil-meritu, dejjem limitatament f'dak li jirrigwarda l-ewwel kap taghha, f'data li joghgobha tappunta dina l-Qorti ghal dan il-ghan.

Rat it-twegiba tad-Direttur tal-Kuntratti permezz ta' liema oppona tali talba[1].

Rat illi waqt is-seduta tal-15 ta' Lulju 2016[2] dehru d-difensuri tal-partijiet u Mario Bonnici ghas-socjeta' rikorrenti. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx x'izidu ma' dak li nghad fl-atti.

Il-Qorti rat l-atti li minnhom jirrizulta li:

---

[1] Fol 15 *et seq*.
[2] Fol 27.

i. Permezz ta' Avviz ta' Arbitragg datat 3 ta' Frar 2010, is-socjetajiet Bonnici Brothers Limited, Zrar Limited, C&F Building Contractors Limited u Schembri Infrastructures Limited *proprio* u bhala membri tal-*ACJV consortium* (konsorzju rikorrenti) intavolaw proceduri quddiem it-Tribunal tal-Arbitragg kontra Direttur tal-Kuntratti (intimat) ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u sitta u hamsin elf sitt mija u hamsa u erbghin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€556,645.47) rapprezentanti spejjez addizzjonali inkorsi fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt li jgib in-numru CT2671/2004 maghruf bhala *"Reconstruction and Upgrading of Hal Far Road, Phase III, generally from junction WA26, roundabout Peace Lab (junction excluded) to SA27, Freeport Terminal"*, iffirmat fit-12 ta' Ottubru 2005 u dan oltre imghaxijiet, spejjez tal-procedura u drittijiet tal-avukati;

ii. B'decizjoni datata 6 ta' Frar 2012 it-Tribunal iddecieda l-vertenza billi
kkundanna lill-intimat ihallas lill-konsorzju rikorrenti is-somma totali ta' erba' mija u tmienja u sittin elf sitt mija u hdax il-Ewro u tmintax il-centezmu (€468,611.18) li minnhom - u ghall-fini ta' rilevanza ghar-rikors odjern - is-somma ta' €261,478.10 giet akkordata fir-rigward taz-zieda fil-prezzijiet tal-materjal, oltre taxxa fuq il-valur mizjud ghat-total ta' tlett elef u tmienja hames mija u erba' u erbghin Euro u ghoxrin centezmu (€308,544.20);

iii. L-intimat appella mid-decizjoni. L-ewwel aggravju, li huwa dak rilevanti ghall-fini tat-talba ghal ritrattazzjoni, kien jghid:

*"illi fir-rigward tat-talba attrici dwar kumpens minhabba fiz-zieda fil-prezzijiet tal-bitumen, thin fueloil, heating oil, hydraulic u lubricating oil u cement, id-Direttur appellat jilmenta illi l-ispluzzjoni fil-prezzijiet ta' din il-materja prima ma tistax tigi ikklassifikata bhala kaz ta' forza magguri, kif erronjament ikkonkluda it-Tribunal. Dan ir-ragunament imur kontra id-dettami ta' l-artikolu 992(1) u 993 tal-Kodici Civili li ifassal il-principju legali tal-pacta sunt servanda fejn il-kuntratt tax-xogholijiet mertu tal-kaz kien wiehed bi prezz fiss fejn il-partijiet intrabtu dwar il-hlas kif miftiehem li allura ma setax jigi varjat taht l-ebda cirkostanza. Id-decizjoni tat-Tribunal tivvjola ukoll dak stabbilit fir-regolamenti 72 u 77 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici kif kienu vigenti fiz-zmien tal-ezekuzzjoni tal-kuntratt fejn hemm stabbilit illi wara li issir l-aggudikazzjoni tal-kuntratt meta taghlaq is-sejha ghall-offerti, l-awtorita' kontraenti ma tistax temenda jew tbiddel dak il-kuntratt jekk l-istess ikunu joholqu bidla materjali fl-imsemmi ftehim jew jikkostitwixxu ghotja gdida, hlief permezz tal-procedura indikata fir-regolament 72 fejn hemm imfassal 'l hekk imsejjha 'procedura negozjata'."*

iv. B'sentenza tad-29 t'April 2015 din il-Qorti ddecidiet hekk:

*"Ghal dawn il-motivi, prevja l-akkoljiment tal-ewwel aggravvju migjub 'il quddiem mid-Direttur appellat, il-Qorti qieghda tichad l-aggravvji l-ohra u fid-dawl ta' l-istess tichad it-talba tal-konsorzju appellat ghal kumpens minhabba z-zieda fil-prezz tal-materja prima, u tikkonferma il-lodo arbitrali ghal-kumplament. Ghaldaqstant tikkundanna lid-Direttur appellanti ihallas lill-konsorzju appellat is-somma ta' €226,740.41, li jinkludi t-taxxa fuq il-valur mizjud kif ikkundannat ihallas id-Direttur appellanti fil-lodo arbitrali, bl-imghaxijiet dekoribbli kif deciz u cioe' mit-18 ta' Jannar 2010.*

*L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet."*

Ir-rikorrenti qeghdin jibbazaw it-talba fuq is-subinciz (e) tal-artikolu 811 tal-Kap 12 li jipprovdi hekk:

*"**811.** Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
*……*

*(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;*

*għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni;"*

Talba ta' ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(e) tal-Kap 12 necessarjament timplika applikazzjoni ta' ligi hazina cioe`, uzu ta' provvediment tal-ligi flok iehor li kellu jigi applikat. M'hemmx dritt ghal ritrattazzjoni minn interpretazzjoni ta' ligi, anke jekk dak li jkun jista' ma jaqbilx mal-interpretazzjoni moghtija. Dan ifisser li biex ikun hemm motiv ghal ritrattazzjoni a bazi ta' dan l-artikolu, irid jintwera li l-Qorti applikat il-ligi hazina ghall-kaz u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin.

L-Artikolu 816 tal-Kap. 12 jipprovdi li:-

*" …u meta r-raguni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur għandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata".*

Fil-kaz **l-Avukat Dr Francis Lanfranco et vs Tonio Caruana noe** deciz fit-22 ta' Frar 2016[3] din il-Qorti qalet li:

*"Minn dan il-provvediment m'hemmx dubju li ritrattazzjoni ta' kawza skont l-Artikolu 811(e) tista' ssehh **biss** fejn qorti tibbaza d-decizjoni fuq provvediment ta' ligi minflok iehor li kellu japplika ghal fatti kif stabbiliti fis-sentenza….. Fis-sentenza **William Portelli vs Paul Portelli et**[4], il-Qorti tal-Appell qalet:*

*"Din id-dispozizzjoni partikolari giet interpretata fis-sens illi jinkombi fuq ir-ritrattand illi jindika kemm dik id-disposizzjoni tal-ligi illi skont huwa tkun giet applikata fis-sentenza li taghha qed jitlob ir-ritrattazzjoni kif ukoll id-dispozizzjoni l-ohra li kienet korrettement taghmel ghall-kaz in ezami. Huwa kwazi superfluwu illi jigu elenkati is-sentenzi numeruzi illi jirribadixxu illi jekk ir-ritrattand jonqos milli josserva dan id-dettam tal-ligi, it-talba tieghu ghar-ritrattazzjoni taqa' hesrem minghajr ebda htiega illi l-Qorti tindaga ulterjorment jekk effettivament jissussistix l-izball tal-ligi illi fuqu hija msejsa t-talba ghar-ritrattazzjoni……"*

L-ilment tal-konsorzju ritrattandi huwa limitat ghal dak deciz minn din il-Qorti fl-istadju tal-appell fir-rigward <u>biss</u> tal-ewwel kap tas-sentenza, u cioe' it-talba tal-istess konsorzju ghall-kumpens minhabba fiz-zieda fil-prezzijiet tal-*bitumen, thin fuel oil, heating oil, hydraulic* u *lubricating oil* u *cement*. L-ilment huwa estiz ukoll ghad-decizjoni mehuda mill-Qorti dwar il-kap tal-ispejjez li kienet affetwata mir-rizoluzzjoni ta' l-ewwel kap.

---

[3] Rik 86/07.
[4] 16 ta' Dicembru 2015.

Skont ir-rikorrenti d-dispozizzjoni korretta tal-ligi li tahtha jinkwadraw ruhhom il-fattispecie tal-kaz hi l-artikolu 1639 tal-Kodici Civili li jipprovdi:

*"1639. L-appaltatur illi ntrabat li jtella' bini, jew xogħol ieħor kbir, skont pjanta stabbilita u miftiehma ma' min tah ix-xogħol, ma jista' jitlob ebda żjieda ta' prezz, minħabba li jkun żdied il-prezz tal-ħaddiema jew tal-materjali, jew minħabba li fil-pjanta jkun sar xi tibdil jew żjieda,* ***li ma jkunux gravużi għalih."***

Dan ghaliex fil-fehma taghhom, meta jigi applikat dan il-provvediment ghar-rizultanzi fattwali tal-kaz, u cioe' li l-ispluzjoni fil-prezzijiet kienet wahda gravuza ghall-konsorzju, liema awment ma setax jigi previst fil-mument meta l-kuntrattur tefa' l-offerta, ma ghandu jhalli ebda dubju li l-ewwel kap tat-talba tal-konsorzju kellu jigi trattat u deciz a bazi tal-Artikolu 1639.

Jidher li waqt is-smiegh tal-proceduri ta' arbitragg u fl-istadju ta' appell, l-ebda parti m'ghamlet riferenza espresso ghall-artikolu 1639 tal-Kodici Civili, ghalkemm fost il-gurisprudenza li ccitaw fl-istadju tal-appell, hi rintraccabli riferenza ghall-principji li nsibu f'din id-disposizzjoni.

F'kull kaz, il-Qorti ma tirriskontra ebda gustifikazzjoni fit-talba ghal ritrattazzjoni mressqa quddiemha:

**A.**Fl-ewwel lok huwa evidenti li r-rikorrenti qeghdin isejsu t-talba taghhom fuq premessa zbaljata meta jargumentaw li din il-Qorti erronjament applikat id-dispozizzjonijiet li jirregolaw il-forza magguri minflok l-artikolu 1639 imsemmi[5]. Mis-sentenza tad-29 t'April 2015 jirrizulta manifestament li din il-Qorti mhux talli ma applikatx il-principji li jolqtu l-kuncett tal-forza magguri talli kkonkludiet proprju l-kontra ghax sabet li dan ma kienx kaz li jirrigwarda tali materja izda kien kaz li kellu jigi regolat u deciz a bazi tal-principji li jirregolaw l-effetti tal-kuntratti. Fis-sentenza l-Qorti osservat li:

1. It-Tribunal b'mod zbaljat iddecieda favur il-konsorzju meta ghall-kaz applika l-principji dottrinali naxxenti minn kaz (*Direttur tal-Kuntratti vs Office Electronics Ltd*) li pero' kien jirrigwarda non-adempjenza ta' obbligi kontrattwali minhabba ragunijiet li kienu mprevedibbli u ma kinux imputabbli ghall-kuntrattur mentri fil-kaz odjern il-kuntratt kien gie ezegwit fl-intier tieghu;

2. Id-dispozizzjonijiet tal-ligi li ghandhom jirregolaw il-fattispecje tal-kaz odjern huma proprju l-principju tal-*pacta sunt servanda* (artikolu 992 u 993 tal-Kodici Civili).

Il-Qorti qalet hekk:

*"Illi fl-ewwel lok id-Direttur appellat jilmenta illi it-Tribunal fid-decizjoni tieghu ghamel interpretazzjoni zbaljata ta' dak li jikkostitwixxi forza magguri u dana meta wasal sabiex akkolja it-talba tal-konsorzju ghal hlas addizjonali minhabba zieda fil-prezzijiet tal-materja*

---

[5] Punt 2.10 a fol 8 tar-rikors.

*prima. Jishaq illi it-Tribunal applika hazin il-principji ta' dritt stabbiliti fl-artikoli 992 u 993 tal-Kodici Civili kif ukoll tar-regolamenti 72 u 77 tal-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici fil-lodo tieghu.*

*Illi t-Tribunal fid-decizjoni tieghu jezamina il-principji legali li jiggustifikaw it-talba ghal hlas zejjed minhabba awment fil-prezzijiet taz-zejt u dana bi vjolazzjoni ta' dak miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' l-appalt u specifikatament fil-klawsola 35.1 tal-kuntratt fejn gie miftiehem illi l-kuntratt kellu ikun wiehed bi prezz fiss. Dan jaghmlu billi japplika l-principji dottrinali stabbiliti f'decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni Direttur tal-Kuntratti vs Office Electronics Limited, liema sentenza kienet titratta talba ghal hlas ta' danni minaba inadempjenza kontrattwali u ma kellha l-ebda analogija mal-fatti tal-kaz in dizamina. **Il-principji legali li sawwru dan il-gudikat kwindi kienu l-artikoli 1132 sa 1135 tal-Kodici Civili u mhux il-principju tal-pacta sunt servanda stabbilit fl-artikolu 992 u 993 bhal fil-kaz in dizamina**[6]. Illi dak il-kaz kien jitratta talba ghad-danni meta l-indampjenza kienet dovuta ghal forza magguri, liema forza magguri kienet titratta awment fil-prezzijiet tal-oggett tal-kuntratt, tant illi d-debitur gie fl-impossibilita li jonera l-obbligazzjonijiet kontrattwali minnu assunti. Illi it-Tribunal b'analogija allura hass illi kellu japplika l-istess massima legali ghal dan il-kaz billi dehrlu illi l-awment fil-prezzijiet matul il-kors ta'l-ezekuzzjoni tal-kuntratt jistghu jiggustifikaw talba ghall-awment fil-prezz tal-kuntratt meta dan ma giex espressament miftiehem. Illi bir-rispett kollu din il-Qorti ma tistax tara l-analogija bejn il-principji ta' dritt f'dawn iz-zewg kazijiet billi fil-kaz in dizamina l-kuntratt gie ezegwiet fl-intier tieghu u dana minghajr ma giet imressqa prova wahda ta' xi telf subit mill-konsorzju appellat. Il-Qorti allura hija tal-fehma illi t-Tribunal malament ghadda ghad-decizjoni tieghu billi applika il-principji legali li sawwru d-decizjoni surriferita li kienet iddur fuq in-nuqqas ta' responsabbilta' tal-parti kontraenti milli tonora l-obbligazzjoni kontrattwali taghha minhabba ostakolu derivanti minn kawza esterna li ma kienx imputabbli ghalih la direttament u lanqas indirettament."*

Ghalhekk il-premessa tar-rikorrenti ma tregix.

**B.** Fit-tieni lok, kif anke konfermat mill-gurisprudenza, l-artikolu 1639 tal-Kap 16 huwa applikabbli f'cirkostanzi *fejn "attiz li x-xoghol miftiehem ikun ta' entita' kbira, jekk it-tibdil ikun gravuz jew pregudizzjevoli ghall-appaltatur dan jista' u ghandu dritt jitlob zieda fil-prezz*[7]*."* Il-Qrati jirriaffermaw ukoll li "*din hi dispozizzjoni eccezzjonali*[8]*"* u ghalhekk l-applikazzjoni taghha ghandha tkun wahda ristretta u rigoruza.

Il-Qorti ssib li fi kwalunkwe kaz dan l-artikolu mhux applikabbli ghall-kaz tal-lum in kwantu:

1. Bl-iffirmar tal-kuntratt il-partijiet kienu ftehmu (klawzola 35.1) li -

*"Contracts shall be at fixed prices **<u>which shall not be revised</u>***[9]*."*

Isegwi ghalhekk li meta l-partijiet qablu dwar **prezz fiss li ma kellux ikun rivedibbli**, huma eskludew ***a priori*** kwalunkwe tibdil fil-prezz ghax-xoghol

---

6 Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti.
7 **Distinct Conversions Ltd vs Joseph Pitre' et** (Cit Nru 96/00) deciz mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 t'Ottubru 2008.
8 **Vella Group Ltd vs AX Construction Ltd** (App. Civ. Nru 774/06) deciz fis-27 ta' Gunju 2014 b'referenza ghal kaz iehor tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tas-17 ta` Frar 2003 fl-ismijiet **Topserv Ltd vs Vella noe.**
9 Fol 124 tal-inkartament quddiem it-Tribunal.

miftiehem. Dan bil-konsegwenzi kollha li jgib mieghu fosthom tibdil f'cirkostanzi li jista' jkollhom impatt finanzjarju fuq l-ezekuzzjoni tal-progett.

2.Dak li kellu jitqies bhala *"forza magguri"* ukoll gie miftiehem bejn il-partijiet fi klawsola 50.1[10]. Iz-zieda fil-prezzijiet tal-materja prima ma kinitx inkorporata f'tali klawzola, u l-partijiet ma ghamlu ebda rizerva dwar kwalunkwe eventwali zieda.

Din il-Qorti qalet hekk:

*"F'dan il-kaz kien hemm kuntratt definit bejn il-partijiet fejn gie specifikatament pattwit il-prezz ghax-xogholijiet intraprizi u ic-cirkostanzi fejn setghet tintalab varjazzjoni fil-prezz. Tant hu hekk illi l-kazijiet ta' forza magguri gew ukoll specifikatament miftiehma u dana fil-klawsola numru 50.2 tal-ftehim. Kwindi it-Tribunal kien prekluz milli jaghti tifsira li tmur oltre dak pattwit ta' dak li kellu jikkostitwixxi event ta' forza magguri. Illi l-Qorti tara illi allura it-Tribunal kellu jaghti gustifikazzjoni ibbazata fuq principji legali sostenibbli 'il ghala kellu jiddipartixxi mill-applikazzjoni tal-massima legali tal-pacta sunt servanda billi huwa principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti illi il-vinkolu kuntrattwali ghandu jigi rispettat billi huwa ligi bejn il-partijiet u kwindi hija dik il-volonta tal-kontraenti li ghandha tipprevali u tigi osservata[11].*

*Illi l-konsorzju appellat jishaq madanakollu illi l-qrati taghna dejjem tbieghdu minn dan il-prinicpju ta' dritt f'kuntratti ta' appalt fejn gie applikat il-principju omnia labor optat premium u cioe' illi min jippresta servizzi ghandu dritt ikun ikkumpensat ghax-xoghol li jaghmel u ticita gurisprudenza fejn gie applikat dan il-principji. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa dak affermat fis-sentenza iccitata, izda ma tarax illi l-istess issib applikazzjoni ghal dan il-kaz billi f'dak il-kaz il-kontestazzjoni kienet dwar xoghol zejjed u il-konsegwenjzali spejjez zejda inkorsi mill-appaltat, liema xogholijiet ma kienux gew miftiehma fil-kuntratt originali. Illi allura bir-ragun il-Qorti ta' l-Appell kif kolleggjalment komposta wasslet ghall-applikazzjoni tal-principju legali imqanqal mill-konsorzju appellat billi il-kontraenti kienu tbieghdu minn dak pattwit bejniethom fil-kuntratt ta' l-appalt. Mhux hekk sehh f'dan il-kaz. Illi il-kuntratt ta' l-appalt kien wiehed bi prezz fiss[12]. Illi dak li kellu jikkostitwixxi forza magguri ukoll gie pattwit bejn il-partijiet, liema klawsola ma kenitx tinkludi iz-zieda fil-prezzijiet tal-materja prima. Illi l-kontraenti ma inkludew l-ebda patt jew kundizzjoni jekk tinsorgi din l-evenjenza, xejn imprevedibbli fil-fehma tal-Qorti, dwar l-awment fil-prezz taz-zejt. Illi ghalkemm gie stabbilit illi l-awment f'dan il-kaz kien wiehed fenomenali, madanakollu tali evenjenza kienet wahda prevedibbli, anke jekk mhux biz-zieda fenomenali kif sehhet, u kwindi l-partijiet setghu facilment jikkonvjenu fuq din ic-cirkostanza, haga li ma ghamlux. Illi allura gjaldarba il-konsorzju appellat tefa' l-offerta tieghu sabiex jigi aggudikat it-tender ghall-kostruzzjoni tat-triq f'Hal Far, naqas milli jiehu in konsiderazzjoni l-awment fil-prezzijiet tal-materja prima u ghalhekk assigura kuntratt, li kien jinvolvi miljuni ta' ewro, ghal prezz fiss, kif pattwit, ma jistax issa jikser dak il-ftehim biex jitlob hlas ulterjuri minn ghand d-Direttur appellanti, tenut kont tal-fatt inoltre, illi l-awtorita kontraenti ma kenitx tahti bl-ebda mod ghal din iz-zieda fl-ispejjez inkorsi.*

---

[10] Fol 137 tal-istess inkartament; *"For the purposes of this Article, the term force majeure means acts of God, strikes, lock-outs or other industrial disturbances, acts of the public enemy, wars whether declared or not, blockades, insurrection, riots, epidemics, landslides, earthquakes, storms, lightning, floods, washouts, civil disturbances, explosions and any other similar unforeseeable events which are beyond the Parties' control and cannot be overcome by due diligence."*

[11] Ara App.Sup. **Gloria Beacom et vs AIC Anthony Spiteri Staines** deciza 5/10/1998; **Salvu Fenech vs Malta Dairy Products** PA 30/10/2003.

[12] Artikolu 35.1 tal-kuntratt.

Hu ghalhekk evidenti li din il-qorti ibbazat id-decizjoni fuq dak li l-partijiet espressament ftehmu dwaru. Haga li kellha kull dritt li taghmel.
Fid-dawl tas-suespost, ir-rekwiziti tal-artikolu 811 (e) tal-Kap 12 ma gewx sodisfatti.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talba bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.**

Anthony Ellul.